Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 143/19**
il-Lussemburgu, 14 ta' Novembru 2019

Stampa u Informazzjoni

Konkluzjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-752/18
Deutsche Umwelthilfe eV vs Freistaat Bayern

# Skont l-Avukat Ġenerali Saugmandsgaard Øe, ma tistax tingħata detenzjoni fil-konfront tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti, inkluż il-Ministru-President, sabiex jiġu obbligati jipprevedu projbizzjonijiet ta' ċirkolazzjoni tal-vetturi b'magna diesel f'München

*Fil-fatt, id-dritt fundamentali għal-libertà jista' jiġi limitat biss abbażi ta' liġi li tipprevedi tali possibbiltà b'mod ċar fil-konfront ta' dawk li huma responsabbli, fatt li ma jidhirx li huwa l-każ fil-Ġermanja*

Il-Freistaat Bayern (il-Ġermanja) qiegħda tirrifjuta li tosserva deċiżjoni ġudizzjarja Ġermaniża li tobbligaha tipprevedi projbizzjonijiet ta' ċirkolazzjoni ta' vetturi b'magna diesel f'ċerti toroq f'München, fejn il-valuri ta' limitu ta' dijossidu tan-nitroġenu ffissati mid-Direttiva dwar il-kwalità tal-arja [1] kienu ilhom jinqabżu għal diversi snin, kultant b'mod kunsiderevoli. Id-deċiżjoni ġudizzjarja inkwistjoni, li hija definittiva, inkisbet minn Deutsche Umwelthilfe, organizzazzjoni mhux governattiva Ġermaniża awtorizzata tressaq azzjonijiet kollettivi fil-qasam tal-ambjent.

Il-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof (il-Qorti Amministrattiva Superjuri tal-Land ta' Bayern, il-Ġermanja), adita bit-tilwima, ikkonstatat li l-uniku mezz koerċittiv li jipprevedi d-dritt Ġermaniż fil-konfront tal-amministrazzjoni, jiġifieri l-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità, ma huwiex biżżejjed sabiex il-Land jiġi obbligat jikkonforma ruħu mad-deċiżjoni ġudizzjarja inkwistjoni. Fil-fatt, il-ħlas ta' pagament ta' penalità ma jwassal għall-ebda telf patrimonjali għal-Land, għaliex l-infiq inkwistjoni jikkostitwixxi dħul għall-fond ċentrali tiegħu.

Il-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof għaldaqstant għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda dwar jekk l-obbligu li d-dritt tal-Unjoni jimponi fuq il-qorti nazzjonali li tieħu "[l-]miżuri kollha neċessarji"[2] biex tiżgura l-osservanza tad-direttiva[3] jistax jinkludi l-obbligu li tapplika miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà, bħalma hija d-detenzjoni. Hija tippreċiża li d-dritt Ġermaniż jipprevedi, bħala prinċipju, il-possibbiltà li tiġi imposta d-detenzjoni, iżda li din ma tistax tiġi applikata fil-konfront tal-uffiċjali pubbliċi fin-nuqqas ta' liġi ċara u preċiża f'dan ir-rigward.

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' llum, l-Avukat Ġenerali Henrik Saugmandsgaard Øe josserva qabel xejn li r-rifjut tal-uffiċjali pubbliċi tal-Land ta' Bayern li josservaw id-deċiżjoni ġudizzjarja inkwistjoni jista' jwassal għal konsegwenzi gravi, kemm għas-saħħa u l-ħajja tal-persuni kif ukoll għall-Istat tad-dritt, li jikkostitwixxi wieħed mill-valuri li l-Unjoni hija bbażata fuqhom. Barra minn hekk, tali rifjut idgħajjef id-dritt fundamentali tal-parti fil-kawża għal rimedju ġudizzjarju effettiv iggarantit mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

Madankollu, **skont l-Avukat Ġenerali, l-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni tista', fil-prattika, ikollha ċerti limiti u d-dritt għal-libertà kif previst fil-Karta jikkostitwixxi tali limitu** (68).

---

[1] Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU 2008, L 152, p. 1).
[2] Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja Janecek tal-25 ta' Lulju 2008 (C-237/07; SS Nru 58/08), ClientEarth tad-19 ta' Novembru 2014 (C-404/13; SS Nru 153/14) u Craeynest *et* tas-26 ta' Ġunju 2019 (C-723/17; SS Nru 82/19).
[3] Din tobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja meta f'żona jew agglomerazzjoni stipulata, il-livelli ta' sustanzi li jniġġsu l-arja tal-ambjent jaqbżu l-valuri ta' limitu previsti mill-imsemmija direttiva. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-obbligu ċar jista' jiġi invokat mill-individwi fil-konfront tal-awtoritajiet pubbliċi, ara s-sentenza ClientEarth, ippreċitata..

L-Avukat Ġenerali jfakkar li d-dritt fundamentali għal-libertà, iggarantit mill-Karta, jista' jiġi llimitat biss abbażi ta' liġi ċara u prevedibbli, li ma jidhirx li teżisti fil-Ġermanja fil-konfront tal-uffiċjali pubbliċi.

Barra minn hekk, teżisti inċertezza supplimentari u mhux negliġibbli fir-rigward tal-persuni li jistgħu ikunu milquta bid-detenzjoni.

Il-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof semmiet, fil-fatt, diversi persuni, jiġifieri, fir-rigward tal-Land, il-Ministru-President u l-Ministru għall-Ambjent u għall-Protezzjoni tal-Konsumaturi, fir-rigward tar-reġjun ta' Oberbayern, il-president u l-viċi president. Hija żiedet li wieħed irid iħares ukoll, bħala prekawzjoni, lejn il-persuni li jokkupaw pożizzjonijiet ta' tmexxija fi ħdan il-Land u r-reġjun ta' Oberbayern peress li l-korpi responsabbli tal-Land jibbenefikaw minn immunità parlamentari li, jekk din ma titneħħiex, tirrendi d-detenzjoni ineffettiva.

B'dan il-mod, l-uffiċjali pubbliċi prinċipali tal-Land jistgħu jevitaw id-detenzjoni. Min-naħa l-oħra, l-uffiċjali għolja jistgħu jkunu s-suġġett ta' tali miżura iżda, skont il-Bayerischer Verwaltungsgerichtshof, għad irid jiġi vverifikat jekk wieħed jistax raġonevolment jeżiġi mingħandhom li huma jeżegwixxu d-deċiżjoni ġudizzjarja minkejja li jkollhom jaġixxu kontra l-fehma tas-superjur ġerarkiku tagħhom.

**L-Avukat Ġenerali jikkonkludi li, anki jekk wieħed jippreżumi li d-detenzjoni tista' tilħaq l-għan imfittex, jiġifieri, l-osservanza tal-valuri ta' limitu ta' dijossidu tan-nitroġenu – ħaġa li jidhirlu li hija 'l bogħod milli tkun ċerta – l-applikazzjoni ta' tali miżura fil-konfront tal-uffiċjali tal-Land tkun tikser id-dritt fundamentali għal-libertà, fl-assenza ta' liġi għal dan l-għan jew, tal-inqas, fl-assenza ta' liġi ċara u prevedibbli.** Minkejja l-problema ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, l-interferenza fid-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv li s-sitwazzjoni partikolari tiġġenera, il-qorti nazzjonali ma tistax tonqos milli tosserva r-rekwiżiti tad-dritt fundamentali għal-libertà.

**Għaldaqstant, gravi kemm hu gravi l-aġir tal-uffiċjali pubbliċi li jirrifjutaw li josservaw deċiżjoni ġudizzjarja definittiva, l-Avukat Ġenerali jqis li l-obbligu tal-qorti nazzjonali li tagħmel dak kollu li jaqa' taħt il-kompetenza tagħha biex tagħti effett sħiħ lil xi direttiva, b'mod partikolari fil-qasam tal-ambjent, ma jistax ikun issodisfatt bi ksur tad-dritt fundamentali għal-libertà. Għaldaqstant, dan l-obbligu ma jistax jinftiehem bħala li jippermettilha, jew *a fortiori* li jobbligaha, tikser dan id-dritt fundamentali għal-libertà.**

L-Avukat Ġenerali jenfasizza barra minn hekk li huwa l-leġiżlatur nazzjonali, jekk jixtieq jagħmel dan, li għandu jipprevedi tali liġi. Barra minn hekk, jeżisti mezz koerċittiv fuq il-livell Ewropew, jiġifieri l-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li tista' twassal għal sanzjonijiet finanzjarji fil-konfront tal-Istat Membru kkonċernat. Fil-fatt, bħalissa l-Qorti tal-Ġustizzja hija adita b'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni fil-konfront tal-Ġermanja f'dak li jirrigwarda t-tniġġis tal-arja, b'mod partikolari fil-belt ta' München[4].

---

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Huwa r-rwol tal-Avukati Ġenerali li jipproponu lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'indipendenza sħiħa, soluzzjoni legali għall-kawżi li għalihom huma responsabbli. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja jibdew, minn issa, jiddeliberaw f'din il-kawża. Is-sentenza ser tingħata f'data ulterjuri.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

[4] Kawża pendenti C-635/18, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, ippreżentata fil-11 ta' Ottubru 2018.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*